FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2001

**Numru 4**

**Avviz numru 633/01JR**

**Construct Furniture Company Limited**

**vs**

**Carmel Callus**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 t'Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn liri Maltin (Lm102.00) rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' ghamara inkluza "spare bedroom" lilu mibjugha u konsenjata, fuq ordni tal-konvenut. Bl-imghax mill-14 ta' Settembru, 2000, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu kollu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995 it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnejn liri Maltin (Lm102.00), bl-imghax mill-14 ta' Settembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avukat Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**